329

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
30 NOV 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

29th November 2022

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

*Nru. ta' l-Avviz:* *OWK 41/19*
*Lokazzjoni:* *Joem Pit Stop Limited, 67, B' Kara Road, St. Julians*
*Ref. Taghna:*
*Ref. Tribunal:*

**Joem Pit Stop Limited**

**vs**

**Environment and Resources Authority**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2019, giet imposta multa fuq l-Appellant.

II) Illi l-Appellant kien ressaq ilment fuq tali multa izda tali ilment kien gie michud mill-Awtorita

III) Illi huwa gie notifikat bil-multa finali permezz ta' l-Avviz anness.

Bid-dovut rispett, l-appellanti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- o Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- o L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l- Appellant kien, a bazi tal- Policy vigenti li tirregola il-Fuel Stations, liema policy kienet intiza sabiex l-hekk insejjha curb side stations ma jkomplux joperaw u anzi jigu rilokati, applika ma' l-Awtorita ta' l-Ippjanar sabiex huwa jaghlaq din il-fuel station u jirrilokha f' sit iehor.

1.2 Illi fil-mori ta' tali process, inbidelt il-Policy li tirregola il-Fuel Stations fejn kien hemm biddla sostanzjali fis-sens illi issa dawn il-curb side stations kienu mhux biss accettabbli, izda inholoq dizincentiv biex dawn jigu rilokati.

1.3 Illi immedjatament l-Appellant beda il-process sabiex jottjeni permess sabiex ikun jista jaghmel refurbishment ta' l-istess station, u immedjatament kif gie approvat dan il-permess huwa beda bix-xogholijiet ta' refurbishment.

1.4 Illi attwalment l-istess station tinsab mhux operativa proprju minhabba tali xogholijiet.

1.5 Illi l-imposizzjoni ta' tali multa hija manifestament ingusta, zbaljata u illegali stante illi l-Appellant kien fl-impossibilita li jagixxi diversament minn kif ghamel, u dan kif ser jigi ippruvat fil-mori ta' dan l-appell.

1.6 Illi oltre dan l-imposizzjoni ta' tali multa hija ukoll manifestament diskriminatorja u dan kif ser jigi ippruvat f' dan l-appell.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta' l-Awtorita u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jordna li tali multa tigi imhassra, u dana taht, u minnghajr

pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Xhieda:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**